# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johan J. Fenech)**

**vs**

**Joseph Tabone**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Joseph Tabone**, karta tal-identita' bin-numru 442276M fejn ġie mixli talli bejn l-1 ta' Novembru 2010 u d-9 ta' Ġunju 2014 minn ġewwa l-fond "Sieħeb Garage", 1, Triq Santu Kristu, Ħal-Għaxaq, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta serq ta' elettriku ta' valur ta' iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro, sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-dannu tal-kumpanija Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, ħin u valur kif ukoll li għamel ħsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkaġuna telf tal-kurrent elettriku.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tas-6 ta' Novembru 2015, Alan Chetcuti għan-nom tal-kumpanija Enemalta plc ippreżenta d-dokument li permezz tiegħu, f'isem iċ-Chairman ta' Enemalta plc huwa kien qiegħed itenni li in konnessjoni mar-rapport ta' irregolarita' fl-arloġġ tad-dawl fil-fond meritu ta' dan il-każ, fejn l-istess Enemalta plc iddikjarat li ma baqgħalha ebda pendenza rigward dan il-każ u ddikjarat li kienet qegħda tirrinunzja mingħajr riżerva għall-passi kriminali, liema rinunzja kienet qed issir skont ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-elettriku (L.S. 423.01), regolament 88.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi skont l-Artikolu 283A tal-Kodiċi Kriminali :

> Għar-reat ta' serq ta' elettriku ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża wkoll meta rreat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati skont dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) u l-offiż ma jkunx irrinunzja espressament għall-azzjoni fi żmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw minkejja kull ħaġa oħra li jingħad fil-proviso tal-artikolu 373.

Inoltre skont ir-regolament 88(2) proviso (a) tal-L.S. 423.01: -

> Iżda wkoll ċ-*Chairman* tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu d-diskrezzjoni assoluta li:
> (*a*) jirrinunzja għal proċeduri kriminali kontra persuna jew konsumatur kif hawn qabel imsemmi;

### ***DECIDE***

Il-Qorti għalhekk wara li ħadet konjizzjoni tar-reċess tal-kwerela da parti taċ-Chairman tal-Enemalta plc u wara li rat l-Artikolu 283A tal-Kodiċi Kriminali u r-regolament 88(2) proviso (a) tal-L.S. 423.01, tiddikjara l-proċediment eżawrit.

***Mogħtija illum is-6 ta' Novembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***